KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fis-16 ta' Settembru 2021[1]

**Kawża C-300/20**

**Bund Naturschutz in Bayern e.V.**
**vs**
**Landkreis Rosenheim,**
**bl-intervent ta':**
**Landesanwaltschaft Bayern,**
**Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja))

"Domanda preliminari – Ambjent – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Evalwazzjoni ambjentali strateġika – Kunċett ta' pjanijiet u programmi – Digriet ta' protezzjoni tal-pajsaġġi li jipprevedi projbizzjonijiet u rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni ta' tip ġenerali mingħajr rabta speċifika ma' proġetti konkreti – Konsegwenzi legali tal-assenza ta' evalwazzjoni ambjentali strateġika – Limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tas-sentenza – Setgħa tal-qorti nazzjonali li żżomm provviżorjament l-effetti tal-atti nazzjonali"

1. Dan ir-rinviju preliminari jqajjem problemi simili għal dawk li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha fis-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, dwar it-turbini eoliċi f'Aalter u Nevele[2], dwar l-evalwazzjoni ambjentali tal-pjanijiet u tal-programmi (iktar 'il quddiem l-"EAS").

2. Fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati f'dak il-każ, irrilevajt li l-evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti "proġetti" jew ta' ċerti "pjanijiet u programmi" fuq l-ambjent hija wieħed mill-istrumenti prinċipali tad-dritt tal-Unjoni sabiex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tiegħu[3].

3. L-evalwazzjoni ambjentali tal-*proġetti* hija rregolata permezz tad-Direttiva 2011/92/UE[4]; u dik dwar il-*pjanijiet u programmi*, mid-Direttiva 2001/42/KE[5]. Iż-żewġ direttivi jikkumplimentaw lil xulxin, peress li din tal-aħħar "tfittex li tantiċipa l-analiżi tal-impatt fuq l-ambjent lejn il-fażi

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Sentenza A *et* (Eoliċi f'Aalter u f'Nevele) (C-24/19, EU:C:2020:503, iktar 'il quddiem is-"sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele").

[3] Konklużjonijiet tat-3 ta' Marzu 2020 (C-24/19, EU:C:2020:143, iktar 'il quddiem il-"konklużjonijiet Eoliċi f'Aalter u f'Nevele", punt 1).

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44; iktar 'il quddiem id-"Direttiva SEA").

[5] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157). Magħrufa wkoll bħala d-Direttiva dwar l-"evalwazzjoni ambjentali strateġika" (iktar 'il quddiem id-"Direttiva EAS").

tal-ippjanar strateġiku tal-azzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali. L-istudju tal-impatt fuq l-ambjent li timponi huwa, għaldaqstant, usa' jew iktar globali minn dak li jikkorrispondi għal proġett partikolari"[6].

4. Kif ġie espost sussegwentement, "minn din il-premessa huwa diffiċli li jiġi speċifikat sa fejn ir-rekwiżit ta[l-evalwazzjoni ambjentali strateġika tad-Direttiva EAS]. Huwa ċar li dan imur lil hinn mill-evalwazzjoni ta' proġetti individwali, iżda wkoll li ma għandux jiġi estiż għall-bqija tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li jaffettwaw l-ambjent"[7].

5. Din il-kawża hija wirja tajba tad-diffikultà, li tidher li tippersisti minkejja l-kjarifiki tas-sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele. Għandu wkoll jiġi ddefinit iktar meta pjan jew programm jinkludi qafas ta' referenza għall-preparazzjoni ta' proġetti koperti mill-Annessi I u II tad-Direttiva SEA u jeħtieġ, konsegwentement, EAS minn qabel.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni. Id-Direttiva 2001/42*

6. Skont l-Artikolu 1:

"L-għan ta' din id-Direttiva hu li jsiru disposizzjonijiet għal livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u biex issir kontribuzzjoni għall-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali fil-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet u programmi bil-għan li jkun jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, billi jkun assigurat li, skond din id-Direttiva, issir stima ambjentali ta' ċerti pjanijiet u programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent."

7. Skont l-Artikolu 2:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'pjanijiet u programmi' tfisser pjanijiet u programmi, inklużi dawk ko-finanzjati mill-Komunità Ewropea, kif ukoll xi modifiki li jsirulhom:

   – li huma suġġetti għall-preparazzjoni u/jew adozzjoni minn xi awtorita nazzjonali, reġjonali jew livell lokali jew li jkunu preparati minn xi awtorita għall-adozzjoni, permezz ta' proċedura leġislattiva mill-Parlament jew il-Gvern, u

   – li huma meħtieġa permezz ta' disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi;

(b) 'stima ambjentali' tfisser il-preparazzjoni ta' xi rapport ambjentali, l-għemil ta' konsultazzjonijiet, it-teħid tal-kont tar-rapport ambjentali u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet u d-disposizzjoni ta' l-informazzjoni dwar id-deċiżjoni skond l-Artikoli 4 sa 9;

[...]"

6 Konklużjonijiet Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 36.

7 *Ibidem*, punt 37.

8. L-Artikolu 3 jipprevedi:

“1. L-istima ambjentali, skond l-Artikoli 4 sa 9, għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 li x’aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 3, stima ambjentali għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi kollha,

(a) li huma ppreparati għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-enerġija, l-industrija, it-trasport, l-immaniġġjar ta’ l-iskart, l-amministrazzjoni ta’ l-ilma, it-telekomunikazzjonijiet, it-turiżmu, pjanar ta’ bliet u l-kampanja jew l-użu ta’ l-art u li jistabilixxu l-qafas għall-kunsens futur għall-iżvilupp tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 85/337/KEE, jew

(b) li, in vista ta’ l-effett fuq iż-żoni li x’aktarx, ġew stabbiliti biex jiksbu stima bis-saħħa ta’ l-Artikolu 6 jew 7 tad-Direttiva 92/43/KEE.

3. Pjanijiet u programmi msemmija fil-paragrafu 2 li jistabbilixxu l-użu ta’ żoni żgħar fil-livell lokali u modifiki żgħar għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafu 2 jkunu jeħtieġu stima ambjentali biss meta l-Istati Membri jistabbilixxu li dawn x’aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

4. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu jekk il-pjanijiet u l-programmi, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2, li jissettjaw il-qafas għall-kunsens futur ta’ l-iżvilupp tal-proġetti, hux ser ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

5. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu jekk il-pjanijiet jew il-programmi msemmija fil-paragrafi 3 u 4 hux ser ikollhom effetti ambjentali sinifikanti jew billi kull każ jiġi eżaminat jew billi jkunu speċifikati t-tipi ta’ pjanijiet u programmi jew billi jkunu kombinati iż-żewġ metodi. Għal dan il-għan l-Istati Membri għandhom fil-każijiet kollha jikkunsidraw il-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Anness II, sabiex ikun assigurat li l-pjanijiet u l-programmi li x’aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent ikunu koperti b’din id-Direttiva.

[…]”.

## *B. Id-dritt Ġermaniż*

### *1. Il-Gesetz über die Umweltverträglichkeitsprüfung (UVPG) (il-Liġi dwar l-Evalwazzjoni tal-Impatt Ambjentali)*

9. L-Artikolu 2(7) [8] jistipula:

“(7) Għall-finijiet ta’ din il-liġi, huma kkunsidrati bħala pjanijiet u programmi biss il-pjanijiet u l-programmi previsti mil-leġiżlazzjoni federali jew minn atti ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea:

1) li t-tfassil u l-adozzjoni tagħhom huma r-responsabbiltà ta’ awtorità pubblika,

2) li huma ppreparati minn awtorità pubblika sabiex jiġu adottati minn gvern jew minn proċedura leġiżlattiva, jew

[8] Verżjoni tal-24 ta’ Frar 2010 (BGBl. I, p. 94), kif emendat mill-Artikolu 2 tal-liġi tat-12 ta’ Diċembru 2019 (BGBl. I, p. 2513).

3) li huma ppreparati minn terz sabiex jiġu adottati minn awtorità pubblika.

[…]”.

10. L-Artikolu 35 jipprovdi:

“1. Għandha ssir evalwazzjoni strateġika ambjentali fil-każ ta’ pjanijiet u programmi:

1) elenkati fil-punt 1 tal-Anness 5, jew

2) elenkati fil-punt 2 tal-Anness 5, li jistabbilixxu qafas għad-deċiżjonijiet dwar l-ammissibbiltà tal-proġetti elenkati fl-Anness 1 jew proġetti li, skont il-leġiżlazzjoni tal-Land, jeħtieġu evalwazzjoni tal-impatt ambjentali jew evalwazzjoni preliminari tal-każ inkwistjoni.

2. Il-pjanijiet u l-programmi mhux imsemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġu evalwazzjoni strateġika ambjentali biss jekk jistabbilixxu qafas għad-deċiżjoni fuq l-ammissibbiltà tal-proġetti elenkati fl-Anness 1 jew ta’ proġetti oħra u, wara evalwazzjoni preliminari tal-każ inkwistjoni fis-sens tal-paragrafu 4, huwa probabbli li dawn ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent […].

3. Il-pjanijiet u l-programmi għandhom jistabbilixxu qafas għad-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-proġetti jekk ikunu jinkludu kriterji importanti għal deċiżjonijiet sussegwenti ta’ awtorizzazzjoni, b’mod partikolari dwar il-ħtieġa, il-portata, il-lokalizzazzjoni, in-natura jew il-kundizzjonijiet ta’ funzjonament tal-proġetti jew dwar l-użu ta’ riżorsi.

[…]”.

*2. Il-Gesetz über Naturschutz und Landschaftspflege (Bundesnaturschutzgesetz – BNatSchG) (il-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni tan-Natura u tal-Preżervazzjoni tal-Pajsaġġi), tad-29 ta’ Lulju 2009*

11. L-Artikolu 20[9] jistipula li:

“[…]

2. Partijiet tan-natura u tal-pajsaġġ jistgħu jiġu protetti

[…]

4) skont l-Artikolu 26, bħala żona ta’ protezzjoni tal-pajsaġġi,

[…]”.

[9] Verżjoni tad-29 ta’ Lulju 2009 (BGBl. I, p. 2542), skont l-emenda introdotta mill-Artikolu 1 tal-liġi tal-15 ta’ Settembru 2017 (BGBl. I, p. 3434).

12. L-Artikolu 26 jipprevedi:

"1. Iż-żoni ta' protezzjoni tal-pajsaġġi huma żoni stabbiliti b'mod legalment vinkolanti, li fihom protezzjoni speċjali tan-natura u tal-pajsaġġ hija meħtieġa:

1) għall-konservazzjoni, l-iżvilupp jew l-irkupru tal-prestazzjoni u l-funzjonament tal-ekosistema jew il-kapaċità tar-riġenerazzjoni u l-użu sostenibbli ta' proprjetà naturali, inkluża l-protezzjoni tal-bijotopi u l-habitats ta' ċerti speċi ta' fawna u flora selvaġġi,

2) minħabba d-diversità, il-partikolarità u s-sbuħija jew ir-rilevanza storika u kulturali partikolari tal-pajsaġġ, jew

3) minħabba l-importanza partikolari tagħha għall-attivitajiet ta' divertiment.

2. Huma pprojbiti fiż-żoni ta' protezzjoni tal-pajsaġġi, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 5(1) u skont id-dispożizzjonijiet iktar iddettaljati, l-azzjonijiet kollha li jbiddlu n-natura ta' dawn iż-żoni jew li jmorru kontra l-għan partikolari ta' protezzjoni tagħhom" [10].

*3. Il-Bayerisches Gesetz über den Schutz der Natur, die Pflege der Landschaft und die Erholung in der freien Natur (Bayerisches Naturschutzgesetz – (BayNatSchG) (il-Liġi ta' Bayern dwar il-Protezzjoni tan-Natura, Preżervazzjoni tal-Pajsaġġ u Attivitajiet ta' Divertiment fin-Natura), tat-23 ta' Frar 2011*

13. L-Artikolu 12(1) [11] jistipula:

"1. Il-protezzjoni ta' partijiet min-natura u tal-pajsaġġ skont il-punti 1, 2, 4, 6 u 7 tal-Artikolu 20(2) tal-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni tan-Natura u tal-Preżervazzjoni tal-Pajsaġġ għandha ssir permezz ta' regoli ta' livell regolamentari, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din il-liġi […]".

14. L-Artikolu 18 jistabbilixxi li:

"1. Awtorizzazzjoni uffiċjali meħtieġa skont standard ta' protezzjoni ta' livell regolamentarju għandha tiġi ssostitwita b'awtorizzazzjoni uffiċjali meħtieġa skont dispożizzjonijiet oħra; din l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss jekk il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni meħtieġa skont ir-regola ta' protezzjoni ta' livell regolamentarju u bi qbil tal-awtorità kompetenti skont id-dritt fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura jkunu ssodisfatti.

[…]"

15. Skont l-Artikolu 51:

"1. Huma kompetenti:

[…]

10 Wara s-seduta f'din il-kawża, l-Artikolu 22 tal-BNatSchG ġie kkompletat permezz tal-paragrafi 2a u 2b, sabiex l-atti legali li ddefinixxew żoni ta' protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ bi ksur tad-Direttiva EAS jinżammu fis-seħħ, peress li ma kinux is-suġġett ta' EAS minn qabel.

11 GVBl. p. 82, kif emendata bl-Artikolu 11(4) tal-liġi tal-10 ta' Diċembru 2019 (GVBl. p. 686).

3) id-distretti u l-muniċipji-distretti għall-adozzjoni tar-regolamenti fuq iż-żoni ta' protezzjoni tal-pajsaġġi tal-Artikolu 26 tal-BNatSchG,

[…]".

*4. Il-Verordnung des Landkreises Rosenheim über das Landschaftsschutzgebiet "Inntal Süd" (ir-Regolament dwar id-Distrett Amministrattiv ta' Rosenheim fuq iż-żona ta' protezzjoni tal-pajsaġġi "Indtal Süd"), tal-10 ta' April 2013*

16. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament [12] jistabbilixxi li "[…] Il-mixja tax-xmara Inn, inkluż il-baċir u l-pjanti alluvjali tagħha, għandhom ikunu protetti".

17. Fir-rigward tal-għan ta' protezzjoni, l-Artikolu 3 jipprovdi:

"L-għan taż-żona ta' protezzjoni tal-pajsaġġi 'Inntal Süd' huwa:

1) l-iżgurar tal-prestazzjoni tal-ekosistema; b'mod partikolari, il-konservazzjoni, il-promozzjoni u l-irkupru tal-boskijiet alluvjali u l-fergħat mejta kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-ispeċi tipiċi tal-fawna u tal-flora li huma adattati għalihom u tal-bijoċenożi tagħhom;

2) il-preżervazzjoni tad-diversità, il-partikolarità u s-sbuħija tal-pajsaġġ naturali; b'mod partikolari, it-tisħiħ tan-natura tal-pajsaġġ tax-xmajjar u l-konservazzjoni tal-pajsaġġ kulturali agrikolu;

3) il-preżervazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-funzjonament tas-sistema tal-ilma sabiex tiġi ffavorita wkoll il-kontinwità tal-mixja tax-xmara Inn u t-tributarji tagħha, kif ukoll iż-żamma tal-ilma tal-wiċċ;

4) il-ħarsien u l-preżervazzjoni għall-kollettività tal-elementi tal-pajsaġġ sinjifikattivi għall-attivitajiet ta' divertiment filwaqt li jiġu osservati kemm jista' jkun in-natura u l-pajsaġġ u jdawru t-traffiku rikreattiv".

18. Skont l-Artikolu 4, dwar il-projbizzjonijiet, "Huma pprojbiti, fiż-żona ta' protezzjoni tal-pajsaġġi, azzjonijiet li jbiddlu n-natura tagħhom jew li jmorru kontra l-għan ta' protezzjoni mfittex (Artikolu 3)".

19. Skont l-Artikolu 5:

"1. Għandu jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Landratsamt Rosenheim (l-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Amministrattiv ta' Rosenheim) bħala awtorità inferjuri inkarigata għall-protezzjoni tan-natura (Artikolu 43(2)(3) tal-BayNatSchG) min, fiż-żona ta' protezzjoni tal-pajsaġġi, jikkontempla:

1) il-bini, il-konverżjoni jew it-tibdil fl-użu ta' kwalunkwe installazzjoni [Artikolu 2(1) tal-Bayerische Bauordnung (il-Kodiċi ta' Bayern dwar il-Bini)], anki jekk permess ma jkunx meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni dwar il-kostruzzjoni; jaqgħu b'mod partikolari taħt din il-kategorija:

[12] ABl. des Landkreises Rosenheim Nru 5, tas-26 ta' April 2013 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Inntal Süd" u d-"Digriet").

a) bini, pereżempju, akkomodazzjoni, bini agrikolu jew forestali, djar ta' tmiem il-ġimgħa, dwejriet għall-bastimenti, għall-għawwiema jew għat-tagħmir, gabbani […];

b) ċnut u għeluq ieħor;

c) mollijiet u kostruzzjonijiet fuq il-ġebel;

d) modifiki tal-uċuħ tal-art li jirriżultaw mill-iskavi jew mir-radam, b'mod partikolari l-ikkundizzjonar u l-użu ta' barrieri ġodda, ħofor tat-torba, ħofor tax-xaħx, ħofor tat-tajn jew trabijiet u tħaffir ieħor, kif ukoll il-miżbla. Dan ma japplikax għar-radam jew skavi tal-uċuħ tal-art li jitla' sa 500 m$^2$ u 0.3 m ta' għoli jew fond bil-għan li titjieb l-art fuq l-uċuħ tal-art li diġà għandhom użu agrikolu;

2) sa fejn dawn ma humiex impjanti diġà inklużi fil-punt 1,

a) it-twaqqif ta' pannelli u kartelluni, inklużi wkoll mezzi ta' reklamar, b'uċuħ tal-art ogħla minn 0.5 m$^2$, sakemm dawn ma jindikawx, fil-bini residenzjali u f'postijiet kummerċjali, id-denominazzjoni tad-djar u tal-ħwienet;

b) l-installazzjoni ta' wajers kondutturi, kejbils jew pajpijiet fuq jew taħt l-uċuħ tal-art u t-tqegħid ta' arbli;

c) il-bini jew it-tibdil sostanzjali ta' toroq, mogħdijiet jew spazji, b'mod partikolari, ta' kampeġġi, grounds tal-isport, iż-żoni tal-logħob u ż-żoni tal-għawm jew ta' faċilitajiet simili;

d) l-installazzjoni ta' trakkijiet ta' bejgħ jew ta' mmontar, tqegħid u ġestjoni ta' punti ta' bejgħ u magni ta' bejgħ;

3) iċ-ċirkulazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' vettura bil-mutur barra minn toroq, mogħdijiet u spazji miftuħa għaċ-ċirkulazzjoni pubblika jew li jistabbilixxuhom fuq tali żoni; […]

4) il-ġbid tal-ilma tal-wiċċ lil hinn minn użu komuni awtorizzat jew ta' taħt l-art, it-tibdil tal-korpi tal-ilma, ix-xtut tagħhom jew il-qigħan tagħhom, il-fluss tad-dħul jew tal-ħruġ tal-ilma jew il-livell pidemometriku, il-ħolqien ta' korpi ġodda tal-ilma jew il-bini ta' sistemi ta' dranaġġ;

5) dranaġġ, ixxottar jew qerda b'xi mod ieħor jew ikkawżar inkonvenjenti sinjifikattivi ta' bijotopi b'valur ekoloġiku partikolari fis-sens tal-Artikolu 30 tal-BNatSchG u tal-Artikolu 23 tal-BayNatSchG, b'mod partikolari ta' torbiera mistagħdra, bassasa, għelieqi tal-qasab, artijiet umdi rikki bil-ħabbgħażiż u qasab, mergħat mistagħdra, nixxigħat, foresti mistagħdra, boskijiet u artijiet mistagħdra u foresti alluvjali, kif ukoll spazji naturali jew seminaturali ta' ilmijiet interni li jkunu għaddejjin jew stagnati, inklużi x-xtut tagħhom u l-veġetazzjoni tax-xatt naturali jew seminaturali, u żoni ta' imblukkar naturali jew seminaturali, fergħat mejta u żoni mgħarrqa perjodikament; […]

6) il-ħrit, l-iffertilizzar jew l-ifforestar tal-mergħat li jiffaċilitaw it-tħammiġ għall-bhejjem, jittrasformawhom f'mergħat ta' diversi sievi fis-sena jew iddestinati għall-mergħat;

7) il-persekuzzjoni, qbid jew qtil ta' annimali selvaġġi jew it-tneħħija tas-siti ta' riproduzzjoni tagħhom jew ta' habitats jew bejtiet tagħhom;

8) il-qtugħ, it-twaqqigħ jew l-eliminazzjoni b'kull mod ieħor, f'ambjenti miftuħa u barra minn foresti, ta' siġar individwali, sisien tal-ħaxix, ċnut tal-ħaxix jew imsaġar jew arbuxxelli tal-għelieqi li jikkaratterizzaw il-pajsaġġ;

9) it-tqaċċit totali jew parzjali forestali, it-twettiq tal-ewwel forestazzjoni jew il-qtugħ dritt f'dan il-kuntest ta' iktar minn 0.5 ettaru, it-trasformazzjoni ta' foresti li jwaqqgħu l-weraq, imħallta jew alluvjali f'foresti li għandhom kontenut predominanti ta' koniferiji jew li jistabbilixxu pjanti speċjalizzati (pereżempju, mixtla);

10) il-qerda jew bidla sostanzjali, fuq ix-xtut tal-korpi tal-ilma, il-veġetazzjoni tax-xatt, l-għelieqi tal-qasab jew is-saffi tal-qasab jew il-popolazzjonijiet ta' pjanti akwatiċi, li jippenetraw ġol-għelieqi tal-qasab jew ġol-korpi ta' pjanti akwatiċi, u l-użu ta' mezzi kimiċi għar-rimi jew il-kontroll tal-qasab jew għat-tindif tal-fosos;

11) id-depożitu ta' skart, skart tal-kostruzzjoni u oġġetti oħra, sa fejn ma humiex iktar suġġetti għal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, f'postijiet oħra minbarra dawk awtorizzati, anki jekk ma huwiex previst li jsir radam fis-sens tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-kostruzzjoni;

12) il-kampeġġ jew l-istazzjonar tal-karavans (inklużi l-karrijiet li jingħalqu) jew vetturi residenzjali bil-mutur barra mill-postijiet awtorizzati jew li jippermettu tali aġir;

13) it-titjir jew l-inżul ta' inġenji tal-ajru, fis-sens tal-Luftverkehrgesetz (il-Liġi dwar l-Avjazzjoni), barra mill-ajruporti awtorizzati.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet leġiżlattivi oħra, meta l-miżura prevista ma tikkawża ebda effett elenkat fil-paragrafu 4 jew meta dawn l-effetti jistgħu jiġu kkumpensati permezz ta' modalitajiet aċċessorji.

[...]".

20. Fir-rigward tal-eżenzjonijiet, l-Artikolu 7 jipprovdi:

"1. Taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 67 tal-BNatSchG, eżenzjoni mill-projbizzjonijiet fl-Artikolu 4 ta' dan id-digriet tista' tingħata f'każijiet speċifiċi [...]".

## II. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21. Il-Landkreis Rosenheim (id-Distrett Amministrattiv ta' Rosenheim, il-Ġermanja) approva, b'effett mis-27 ta' April 2013, id-Digriet Inntal Süd mingħajr ma ssottomettieh għal EAS jew għal eżami preliminari għal tali evalwazzjoni.

22. Id-Digriet jipproteġi żona ta' wċuħ tal-art ta' 4 021 ettaru, ta' madwar 650 ettaru inqas minn dik koperta mir-regoli preċedenti, mill-1952 sal-1977, li ġew totalment jew parzjalment imħassra.

23. Bund Naturschutz in Bayern e.V. (iktar 'il quddiem "Bund Naturschutz") hija assoċjazzjoni ambjentali li kienet ipparteċipat fil-proċedura ta' preparazzjoni tad-Digriet Inntal Süd. Peress li ma kinitx qiegħda taqbel mal-kontenut tagħha, hija kkontestatha quddiem il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Superjuri tal-Land ta' Bayern, il-Ġermanja), li ċaħdet it-talba tagħha bħala inammissibbli.

24. Il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja) hija mitluba tiddeċiedi dwar l-appell għal reviżjoni ppreżentat kontra d-deċiżjoni tal-istanza.

25. Skont il-qorti tar-rinviju, l-appell huwa inammissibbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fir-rigward tat-talba għal stħarriġ tal-legalità, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka xi ksur tal-liġi, peress li ma għandhiex *locus standi*. Din it-talba hija inammissibbli peress li d-Digriet Inntal Süd ma huwiex deċiżjoni u ma huwiex suġġett, skont id-dritt nazzjonali, għall-obbligu li titwettaq EAS jew eżami minn qabel.

26. Madankollu, hija żżid li, r-risposta għad-domandi preliminari tista' twassal sabiex jintlaqgħu t-talbiet ta' Bund Naturschutz.

27. L-ewwel żewġ domandi huma intiżi sabiex jiġi kkjarifikat jekk, skont l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS, kienx obbligatorju li jsir EAS fir-rigward tad-Digriet. Jekk dan ikun il-każ, ir-rikors ikun ammissibbli u jirnexxi wkoll fil-mertu: il-qorti għandha żgur tikkonstata l-invalidità tad-Digriet Inntal Süd, minħabba l-assenza ta' stadju neċessarju tal-proċedura għall-adozzjoni tiegħu.

28. It-tielet domanda, dwar l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva EAS, hija wkoll rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima. Jekk id-Digriet Inntal Süd jistabbilixxi qafas għall-awtorizzazzjoni futura ta' proġetti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, id-Distrett Amministrattiv ta' Rosenheim, konformement mad-dritt nazzjonali, għandu jkun issuġġettah għal eżami preliminari u, għalhekk, għal eżami każ b'każ fis-sens tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva EAS. F'dan il-każ, ir-rikors huwa ammissibbli u jkun fondat, li jwassal għall-annullament tad-Digriet.

29. Huwa f'dan il-kuntest li l-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) qiegħda tagħmel dawn id-domandi preliminari:

"1) L-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva [EAS] għandu jiġi interpretat fis-sens li qafas li fih l-implimentazzjoni tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/93/UE [...] tista' tiġi awtorizzata fil-futur huwa stabbilit meta regolament għall-finijiet tal-protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ jipprevedi projbizzjonijiet ġenerali bil-possibbiltà ta' eżenzjoni kif ukoll obbligi ta' awtorizzazzjoni li ma għandhomx rabta speċifika mal-proġetti msemmija fl-annessi tad-Direttiva SEA?

2. L-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva [EAS] għandu jiġi interpretat fis-sens li dawn il-pjanijiet u programmi ġew imfassla għas-setturi tal-agrikoltura, tas-silvikultura, tal-użu tal-art eċċ., meta huma intiżi sabiex jiddefinixxu qafas ta' riferiment preċiżament għal dan is-settur jew diversi minnhom? Jew huwa biżżejjed li dawn jipprevedu, għall-finijiet tal-protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ, projbizzjonijiet ġenerali u obbligi ta' awtorizzazzjoni li għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni li jirrigwardaw numru kbir ta' proġetti u ta' użijiet u li jistgħu jkollhom effett indirett ('b'mod riflessiv') fuq dan is-settur jew diversi minnhom?

3. L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva [EAS] għandu jiġi interpretat fis-sens li qafas għall-awtorizzazzjoni fil-futur ta' proġetti huwa stabbilit, meta regolament adottat għall-finijiet tal-protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ jistabbilixxi għal numru kbir ta' proġetti u miżuri fiż-żona ta' protezzjoni, deskritti b'mod astratt, projbizzjonijiet ġenerali u obbligi ta' awtorizzazzjoni, iżda li proġetti konkreti ma huma la prevedibbli u lanqas maħsuba waqt l-adozzjoni tiegħu u b'hekk ma hemmx rabta speċifika ma' proġetti konkreti?"

30. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Bund Naturschutz, id-Distrett Amministrattiv ta' Rosenheim, il-Landesanwaltschaft Bayern, il-Gvern Ġermaniż, il-Gvern Ċek u l-Gvern Irlandiż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Bl-eċċezzjoni tal-Gvern Ċek, dawn intervjenew kollha fis-seduta li nżammet fis-7 ta' Ġunju 2021.

## III. Evalwazzjoni

### *A. Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

31. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS għandux jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni bħad-Digriet kontenzjuż tikkostitwixxi pjan jew programm suġġett għall-obbligu ta' EAS.

32. Fis-sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet, b'mod partikolari, dawn id-dikjarazzjonijiet:

"– L-għan ta' din id-direttiva huwa fil-fatt, kif ifakkar l-Artikolu 1 tagħha, li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, u li tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-preparazzjoni u fl-adozzjoni ta' pjanijiet u ta' programmi bil-għan li jiġi promoss żvilupp sostenibbli".

"– Għal dan il-għan, kif jirriżulta mill-imsemmi Artikolu 1, l-għan essenzjali tad-Direttiva [EAS] huwa li l-pjanijiet u l-programmi li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali matul it-tfassil tagħhom u qabel l-adozzjoni tagħhom".

"– Barra minn hekk, l-interpretazzjoni estiża tal-kunċett ta' 'pjanijiet u programmi' hija konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, kif jirriżultaw b'mod partikolari mill-Artikolu 2(7) tal-Konvenzjoni ta' Espoo" [13].

33. Ir-regoli li jirregolaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva EAS jinġabru, prinċipalment, f'żewġ artikoli relatati ma' xulxin:

– L-Artikolu 2(a) jiddefinixxi l-kundizzjonijiet akkumulattivi li għandu jkollhom il-pjanijiet u l-programmi sabiex tapplika għalihom id-Direttiva: a) li "huma suġġetti għall-preparazzjoni u/jew adozzjoni minn xi awtorita nazzjonali, reġjonali jew livell lokali jew li jkunu preparati minn xi awtorita għall-adozzjoni, permezz ta' proċedura leġislattiva mill-Parlament jew il-Gvern"; u b) li jkunu rikjesti permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi.

[13] Punti 45, 46 u 49, b'referenza għas-sentenzi tat-22 ta' Settembru 2011, Valčiukienė *et* (C-295/10, EU:C:2011:608, punt 37), u tas-7 ta' Ġunju 2018, Thybaut *et* (C-160/17, EU:C:2018:401, iktar 'il quddiem is-"sentenza Thybaut *et*", punt 61).

– L-Artikolu 3(2)(a) jindika l-kundizzjonijiet sabiex jiġu identifikati, minn dawn il-pjanijiet u l-programmi, dawk li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u, għaldaqstant, għandhom ikunu suġġetti għal EAS: a) it-tfassil tagħhom fir-rigward ta' ċerti setturi u attivitajiet ekonomiċi (sensittivi); u b) il-ħtieġa li "jistabbilixxu" l-qafas għall-awtorizzazzjoni tal-proġetti fil-futur.

34. L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva EAS jestendi l-obbligu ta' EAS għall-pjanijiet u programmi li jikkonċernaw attivitajiet mhux sensittivi, iżda li għandhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent. It-tielet domanda preliminari tirrigwarda dawn il-pjanijiet u programmi.

35. Fil-kombinazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet iqumu, fir-realtà, erba' kundizzjonijiet li ser nipproċedi nanalizza sabiex niddetermina jekk leġiżlazzjoni lokali bħad-Digriet Inntal Süd huwiex pjan jew programm kopert mill-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS.

36. Il-premessa li minnha titlaq il-qorti tar-rinviju hija li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan id-digriet "jikkostitwixxi pjan jew programm fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva [EME]" [14]. Kif ser nesponi, din hija affermazzjoni li naqbel magħha.

### *1. Preparazzjoni jew adozzjoni tal-pjan jew programm minn awtorità tal-Istat Membru*

37. L-ewwel kundizzjoni, li l-evalwazzjoni tagħha normalment ma tqajjimx problemi ermenewtiċi, hija li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ġiet adottata jew imfassla minn awtorità ta' Stat Membru, fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

38. F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li d-Digriet ġie adottat minn awtorità lokali Ġermaniża, jiġifieri, d-Distrett Amministrattiv ta' Rosenheim.

### *2. Pjan jew programm previsti mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi*

39. Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva EAS, il-pjanijiet jew il-programmi adottati mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, huma dawk "meħtieġa permezz ta' disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi".

40. Mis-sentenza Inter-Environnement Bruxelles *et*, fis-sens u għall-applikazzjoni tal-imsemmija direttiva, għandhom jitqiesu bħala "meħtieġa" l-pjanijiet u l-programmi li l-adozzjoni tagħhom taqa' f'qafas ta' dispożizzjonijiet legali jew regolatorji nazzjonali li għandhom jiddeterminaw liema awtoritajiet huma kompetenti sabiex japprovawhom kif ukoll il-proċedura tat-tfassil tagħhom [15].

[14] Digriet tar-rinviju, punt 19.

[15] Sentenza tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-567/10, EU:C:2012:159, iktar 'il quddiem is-"sentenza Inter-Environement Bruxelles *et*", punt 31); Thybaut *et*, punt 43; u tat-12 ta' Ġunju 2019, CFE (C-43/18, EU:C:2019:483, iktar 'il quddiem is-"sentenza CFE", punt 54).

41. Permezz ta' din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja wettqet qari *ġeneruż* tad-Direttiva 2001/42, fejn ikkunsidrat li tapplika għall-pjanijiet u l-programmi previsti mid-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji nazzjonali, kemm jekk l-adozzjoni tagħhom hija *obbligatorja* kif ukoll *fakultattiva* [16].

42. Din il-ġurisprudenza ġiet "ikkontestata" u l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistiedna espressament sabiex tibdilha fil-kawża Eoliċi f'Aalter u f'Nevele.

43. Madankollu, f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li tibdel il-ġurisprudenza preċedenti tagħha. Tenniet mill-ġdid li l-"għanijiet [tad-Direttiva] jistgħu jiġu kompromessi jekk l-Artikolu 2(a) [tagħha] jiġi interpretat fis-sens li huma biss il-pjanijiet jew il-programmi li l-adozzjoni tagħhom hija obbligatorja li huma koperti mill-obbligu ta' evalwazzjoni ambjentali stabbilit minn din id-direttiva. Fil-fatt, minn naħa, [...] l-adozzjoni tal-imsemmija pjanijiet jew programmi spiss ma hijiex imposta b'mod ġenerali. Min-naħa l-oħra, tali interpretazzjoni tippermetti li Stat Membru jevita faċilment dan l-obbligu ta' evalwazzjoni ambjentali billi deliberatament jevita li jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati li jadottaw tali pjanijiet jew programmi" [17].

44. It-tieni inċiż tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva EAS l-istess għandu jiġi interpretat, għalhekk "fis-sens li għandhom jitqiesu bħala 'meħtieġa', fis-sens u għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-pjanijiet u l-programmi li l-adozzjoni tagħhom hija rregolata minn liġijiet jew regolamenti nazzjonali, li jiddeterminaw l-awtoritajiet kompetenti sabiex jadottawhom u l-proċedura ta' żvilupp tagħhom" [18].

45. Il-Landesanwaltschaft Bayer tistieden għal darba oħra lill-Qorti tal-Ġustizzja tibdel il-ġurisprudenza tagħha [19], iżda ma tressaqx, fil-fehma tiegħi, argumenti ġodda ta' piż insostenn tat-teżi tagħha. Il-qorti tar-rinviju, min-naħa tagħha, ma tqajjem ebda kwistjoni dwar dan il-punt.

46. Wara s-sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, inqis li l-kwistjoni hija deċiża b'mod definittiv mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja u li ma hemmx lok li din il-ġurisprudenza tiġi kkunsidrata mill-ġdid.

47. Skont il-qorti tar-rinviju [20], id-Digriet Inntal Süd ġie adottat abbażi tad-dispożizzjonijiet li jawtorizzaw lill-BNatSchgG. Għaldaqstant, dan huwa regolament *previst* mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, anki jekk il-preparazzjoni tagħhom ma kinitx *obbligatorja*. Għaldaqstant, huwa jissodisfa t-tieni kundizzjoni sabiex tkun pjan jew programm suġġett għall-obbligu ta' EAS.

[16] Fis-sentenza Inter-Environnement Bruxelles *et* l-Avukata Ġenerali Kokott offriet interpretazzjoni iktar restrittiva: EAS biss tispeċifika l-pjanijiet u l-programmi li l-adozzjoni tagħhom hija *obbligatorja*, imposta minn regola tad-dritt intern (konklużjonijiet tas-17 ta' Novembru 2011 tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Inter-Environnement Bruxelles *et*, C-567/10, EU:C:2011:755, punti 18 u 19). Fil-konklużjonijiet tagħha tal-25 ta' Jannar 2018, fil-kawża Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-671/16, EU:C:2018:39), punti 41 u 42, l-Avukata Ġenerali Kokott tenniet it-teżi tagħha, billi żgurat li l-Qorti tal-Ġustizzja estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva EAS lil hinn minn dak li maħsub mill-leġiżlatur u dak li l-Istati Membri setgħu jipprevedu.

[17] Sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 48.

[18] Sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 52.

[19] Punt 10 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Landesanwaltschaft Bayer.

[20] Punt 19 tad-digriet tar-rinviju, li jiċċita bħala bażi legali tad-Digriet l-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1), l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 26 tal-BNatSchgG (jirregolaw is-setgħa li jiġu adottati, mibdula jew imħassra r-regolamenti fuq iż-żoni ta' protezzjoni tal-pajsaġġi), flimkien rispettivament mal-punt 3 tal-Artikolu 51(1) u mal-Artikolu 52 tal-BayNatSchG (jipprevedu l-entità amministrattiva kompetenti – f'dan il-każ id-Distrett Amministrattiv ta' Rosenheim – u l-proċedura, rispettivament).

*3. Pjan jew programm żviluppat għal settur ekonomiku (sensittiv) kopert mid-Direttiva EAS*

48. L-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS jipprevedi li, bla ħsara għall-paragrafu 3 tad-dispożizzjoni msemmija, "stima ambjentali għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi kollha [...] li huma ppreparati għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-enerġija, l-industrija, it-trasport, l-immaniġġjar ta' l-iskart, l-amministrazzjoni ta' l-ilma, it-telekomunikazzjonijiet, it-turiżmu, pjanar ta' bliet u l-kampanja jew l-użu ta' l-art".

49. Fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/42 jissuġġetta l-obbligu li pjan jew programm partikolari jkun suġġett għal evalwazzjoni ambjentali għall-kundizzjoni li l-pjan jew il-programm, previst minn din id-dispożizzjoni, ikun jista' jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent [...]. B'mod iktar partikolari, skont l-Artikolu 3(2)(a) ta' din id-direttiva, huma suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali sistematika dawk il-pjanijiet u programmi li, minn naħa, huma mfassla għal ċerti setturi u li, min-naħa l-oħra, jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implimentazzjoni tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92 tista' tiġi awtorizzata fil-futur [...]" [21].

50. Dan jirrigwarda setturi *sensittivi* mill-perspettiva tal-ambjent, kif jirriżulta mill-Annessi I u II tad-Direttiva SEA u mid-Direttiva 92/43/KEE [22], li huma sistematikament suġġetti għal EAS [23].

51. Skont il-qorti tar-rinviju, id-Digriet Inntal Süd ġie implimentat għal *settur* (dak tal-protezzjoni tan-natura u tal-preżervazzjoni tal-pajsaġġ), li ma huwiex adattat għar-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tad-Direttiva EAS u, għalhekk, ma jinsabx fost dawk imsemmija fl-Artikolu 3(2)(a) tagħha [24].

52. Barra minn hekk, hija żżid, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ftit drabi dwar il-kundizzjoni tal-"preparazzjoni" fir-rigward ta' settur preċiż, b'tali mod li hija titlob li jkun solventi:

– jekk il-"preparazzjoni" tissuponi orjentament speċifiku u mmirat lejn wieħed mis-setturi dettaljati fl-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS; jew

– jekk huwa biżżejjed li l-pjanijiet u l-programmi jkollhom, fil-fatt, effetti fuq tali setturi (f'dan il-każ: l-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art), anki jekk dawn twettqu għal settur ieħor mhux imsemmi f'din id-dispożizzjoni (f'dan il-każ: il-protezzjoni tan-natura u l-preżervazzjoni tal-pajsaġġ) [25].

21 Sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 65.

22 Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

23 Madankollu, jekk il-pjanijiet u l-programmi f'dawn is-setturi sensittivi jistabbilixxu l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali u l-introduzzjoni ta' modifiki żgħar tal-imsemmija pjanijiet jew programmi, dawn għandhom jiġu evalwati biss meta l-Istati Membri jistabbilixxu li dawn jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (Artikolu 3(3) tad-Direttiva EAS). Ara l-premessa 10 ta' din id-direttiva.

24 Digriet tar-rinviju, punt 27. Il-qorti *a quo* tiddeduċi mill-għaxar premessa tad-Direttiva EAS, mill-Artikolu 3(2)(a) tagħha u mill-Artikolu 5 tagħha li jeħtieġu l-EAS minn qabel il-pjanijiet u l-programmi maħluqa u ffokati espliċitament lejn wieħed mis-setturi msemmija fl-Artikolu 3(2)(a), li fosthom ma jidhirx dak ta' din il-kawża.

25 Digriet tar-rinviju, punt 29.

53. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx partikolarment eżiġenti fil-kuntest tal-analiżi ta' din il-kundizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar jekk pjan jew programm jeħtieġx EAS qabel l-adozzjoni tiegħu. Huwa biżżejjed li l-pjan jew il-programm jikkonċerna, jaffettwa jirreferi jew iħalli impatt f'wieħed minn dawn is-setturi sabiex jiġi kkunsidrat *ppreparat* fir-rigward tiegħu, jekk jidher fost dawk inklużi fl-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS[26].

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat ukoll b'mod estensiv is-setturi sensittivi elenkati f'dan l-artikolu. B'mod partikolari:

– Hija affermat li t-termini ta' "ippjanar tat-territorju" u ta' "użu tal-art" jindika li "s-settur inkwistjoni ma huwiex limitat għall-użu tal-art, fis-sens strett tal-kelma, jiġifieri d-diviżjoni tat-territorju f'żoni u d-definizzjoni tal-attivitajiet li jistgħu jitwettqu f'dawn iż-żoni, iżda jkopri neċessarjament qasam usa'"[27].

– Interpretat li digriet li permezz tiegħu jiġi stabbilit perimetru ta' tqassim mill-ġdid urban, li jippermetti devjazzjoni mir-regoli urbanistiċi li jikkonċernaw l-kostruzzjonijiet u l-ippjanar tat-territorju, jaqa' taħt is-settur "tal-ippjanar tat-territorju urban u rurali jew tal-użu tal-art", fis-sens tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS[28].

– Hija ddikjarat li EAS kienet teħtieġ Digriet Presidenzjali li jipprevedi miżuri ta' protezzjoni taż-żona ta' għolja u ta' ċerti parkijiet metropolitani[29], li l-Artikolu 1 tiegħu kien jindika, fost affarijiet oħra, li l-għan tiegħu kien il-"protezzjoni tal-pajsaġġi"[30].

55. Fil-fehma tiegħi, xejn ma jipprekludi li miżuri nazzjonali intiżi sabiex jipproteġu n-natura u l-pajsaġġ jiġu *żviluppati fir-rigward* tas-setturi sensittivi identifikati mill-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS, anki jekk dawn ma humiex intiżi direttament u speċifikament, iżda b'mod indirett, għall-preżervazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, ladarba r-rekwiżiti l-oħra jkunu ssodisfatti, il-pjanijiet u l-programmi korrispondenti jeħtieġu, b'mod ġenerali, EAS qabel l-adozzjoni tagħhom.

56. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS fih lista eżawrjenti ta' setturi speċifiċi, li ma tistax tiġi amplifikata jew estiża għal setturi oħra mhux espressament imsemmija, għaliex din kienet ir-rieda tal-leġiżlatur[31].

[26] Ara s-sentenzi Aerogeneros sa Aalter u Nevele, punt 66; tat-8 ta' Mejju 2019, "Verdi Ambiente e Società (VAS) – Aps Onlus" *et* (C-305/18, EU:C:2019:384, punt 48); tas-7 ta' Ġunju 2018, Inter-Environnement Bruxelles *et*, (C-671/16, EU:C:2018:403, iktar 'il quddiem is-"sentenza Inter-Environnement Bruxelles *et*", punti 42 sa 45); Thybaut *et*, punti 47 sa 49; u tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, iktar 'il quddiem is-"sentenza D'Oultremont *et*", punt 44).

[27] Sentenza Inter-Environnement Bruxelles *et*, punt 43.

[28] Sentenza Thybaut *et*, punti 48 u 49.

[29] Kien jirrigwarda d-Digriet Presidenzjali Nru 187/2011, tal-14 ta' Ġunju 2011, li kien jistabbilixxi miżuri ta' protezzjoni taż-żona tal-għolja Himeto (Ymittos) u tal-parkijiet metropolitani ta' Goudi u ta' Ilisia, fil-Greċja, sabiex jadattaw protezzjoni ta' dan is-sit lill-pjan ewlieni tal-ippjanar urban tar-reġjun metropolitan ta' Ateni. Skont l-Artikolu 1 tiegħu, "l-għan ta' dan id-digriet huwa l-protezzjoni effikaċi taż-żona muntanjuża Himeto u tas-superfiċi periferali bis-saħħa tal-ġestjoni u tal-konservazzjoni ekoloġika tal-habitats, tal-flora u tal-fawna, għat-titjib tax-xogħol ekoloġiku importanti tiegħu għall-baċir tal-Attika, *tal-protezzjoni tal-pajsaġġi* u tal-kontroll tal-bini" (enfasi miżjuda minni).

[30] Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Dimos Kropias Attikis (C-473/14, EU:C:2015:582, punt 20).

[31] Fil-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (COM/96/0511 final; ĠU 1997, C 129, p. 14), il-Kummissjoni rrakkomandat lista miftuħa u mhux eżawrjenti ta' setturi sensittivi, li għalihom il-pjanijiet u l-programmi jippreċiżaw b'mod obbligatorju EAS minn qabel. Madankollu, il-Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill fit-30 ta' Marzu 2000 (ĠU 2000, C 137, p. 11) fid-dawl tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent iddeċidiet li tintroduċi lista eżawrjenti ta' setturi sensittivi.

57. Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jinkludux setturi sensittivi ġodda f'din il-lista eżawrjenti. Huma jillimitaw ruħhom li jinterpretaw b'mod mhux restrittiv is-setturi msemmija fil-lista u li ma jitolbux li l-pjan jew il-programm ikun ġie żviluppat b'orjentazzjoni diretta u espressa għal settur wieħed jew iktar imsemmija, sakemm ikunu jikkonċernawhom, jirreferi għalihom jew li jħalli impatt fuqhom.

58. Jiena naqbel mal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u ma narax għalfejn nipproponi bidla f'din l-orjentazzjoni tal-ġurisprudenza.

59. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS isostni dan il-qari tad-dispożizzjoni. Diversi verżjonijiet lingwistiċi jużaw terminoloġija li ssostni l-applikazzjoni tagħhom għal kull pjan jew programm żviluppat *fir-rigward* ta' setturi sensittivi [32]. Din il-frażi tippermetti li t-test jiġi interpretat b'tali mod li l-pjan jew il-programm ma għandux għalfejn ikun dirett espressament u biss għal wieħed minn dawn is-setturi: huwa biżżejjed li jaffettwah b'mod sinjifikattiv.

60. Għall-kuntrarju ta' dak li jirrilevaw il-Gvern Ġermaniż, il-Gvern Irlandiż u l-Gvern Ċek, tali interpretazzjoni ma timplikax estensjoni mhux iġġustifikata tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva EAS, għad-detriment tal-punt 4 tagħha. Fil-fehma tiegħi, dan jimpedixxi li l-Istati Membri jevitaw in-natura obbligatorja ta' EAS fi pjanijiet u programmi li jaffettwaw setturi sensittivi, billi jostruhom taħt terminoloġija differenti, billi jindikaw, pereżempju, li huma orjentati għall-protezzjoni tan-natura u l-pajsaġġ.

61. Fir-realtà, l-oġġezzjonijiet fuq dan il-punt jitilqu minn ċerta ambigwità terminoloġika: il-protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ ma hijiex, proprjament, *settur* li jista' jitqiegħed f'pożizzjoni ugwali ma' dawk speċifikament elenkati fl-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS. Jekk tali assimilazzjoni kienet possibbli, ir-regola ermenewtika *inclusio unius, exclusio alterius* tidħol fix-xena u, fil-fatt, l-assenza ta' dan l-*allegat settur* fl-elenku tkun ekwivalenti għall-esklużjoni tagħha.

62. Madankollu, jirriżulta li s-setturi elenkati fid-dispożizzjoni jkopru oqsma ta' azzjoni preċiża ħafna (agrikoltura, sajd, trasport, enerġija, telekomunikazzjonijiet, eċċ.), filwaqt li l-protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ hija għan trażversali, li jista' jispira u jiġġustifika fih innifsu miżuri li jaffettwaw, ftit jew wisq direttament, kull wieħed minn dawn is-setturi sensittivi.

63. Ma narax għalfejn ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva EAS jistgħu jiġu "adattati" [33] għall-pjanijiet u programmi tas-setturi elenkati u mhux, għall-kuntrarju, għal digriet li huwa intiż direttament għall-protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ u jinfluwenza indirettament lil dawn tal-aħħar. Fil-fehma tiegħi, xejn ma jipprekludi t-tfassil ta' rapport li jidentifika, jiddeskrivi u jevalwa l-effetti sinjifikattivi probabbli fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' pjan jew ta' programm intiż sabiex jipproteġi n-natura u l-pajsaġġ [34].

[32] Il-pjanijiet u l-programmi "ippreparati għal" (verżjoni Spanjola); "élaborés pour" (verżjoni Franċiża); "which are prepared for" (verżjoni Ingliża); "che sono elaborati per" (verżjoni Taljana); "que tenham sido preparados para" (verżjoni Portugiża). Il-verżjoni Ġermaniża tidher iktar restrittiva, billi tirreferi għal pjanijiet u programmi li "in den Bereichen […] ausgearbeitet werden".

[33] Digriet tar-rinviju, punt 27.

[34] Xejn ma jimpedixxi li jiġu identifikati, deskritti u evalwati l-effetti ta' regola, bħalma huwa d-Digriet, fuq l-ambjent, kemm pożittivi kif ukoll negattivi (pereżempju dawk li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħha fir-rigward ta' dawk preċedenti, b'tali mod li jippermettu proġetti ta' kostruzzjoni ta' djar fuq uċuħ protetti sa dak iż-żmien). Dan kollu jibqa' l-fatt li, fin-nuqqas ta' inkorporazzjoni ta' qafas ġenwin ta' referenza, dan ma għandux neċessarjament jiġi suġġett għal EAS, kif ser neżamina iktar 'il quddiem.

64. Id-Digriet Inntal Süd, billi jipproteġi n-natura u l-pajsaġġ f'waħda miż-żoni previsti mil-leġiżlazzjoni ta' Bayern (li tkopri madwar 30 % tat-territorju ta' dan il-Land), għandu impatt simultanju fuq ċerti *setturi sensittivi* msemmija iktar 'il fuq.

65. Bund Naturschutz tesponi l-impatt tagħha fuq l-"użu ta' l-art", settur li jaqa' espressament taħt l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS. Ir-regolament jistabbilixxi, fost l-oħrajn, regoli dwar it-twettiq ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u dwar l-eżerċizzju ta' attivitajiet agrikoli u forestali, b'tali mod li r-rabta mal-"użu ta' l-art" (inkluż l-"iżvilupp tat-territorju rurali u urban") tidher inkontestabbli [35].

66. Id-Digriet jimponi l-kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel għal diversi attivitajiet fiż-żona protetta [36]. Dawn l-awtorizzazzjonijiet *jiddefendu* l-artijiet kontra ċerti tipi ta' użi u jikkostitwixxu, fl-opinjoni tiegħi, miżuri relatati mal-użu ta' dawn u l-ippjanar ta' territorju rurali u urban: iż-żewġ setturi, nirrepeti, huma ċċitati fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva EAS.

67. B'mod partikolari, l-Artikolu 5 tad-Digriet jikkontempla l-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni għall-bini ta' immobbli [37], il-ġestjoni tal-ilma [38], il-konservazzjoni tal-mergħat [39] jew l-isfruttament forestali [40], fost azzjonijiet oħra [41].

*4. Pjan jew programm li jistabbilixxi qafas ta' referenza għall-awtorizzazzjoni futura ta' proġetti koperti mid-Direttiva SEA*

68. Minbarra l-preparazzjoni tiegħu għal ċerti setturi sensittivi, pjan jew programm huwa suġġett b'mod obbligatorju għal EAS, skont l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS, jekk jistabbilixxi l-qafas għall-awtorizzazzjoni futura ta' proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA [42].

69. Għaldaqstant, dan l-artikolu jeżiġi li jiġu suġġetti għall-EAS:

– il-pjanijiet jew il-programmi li jistabbilixxu l-qafas għall-awtorizzazzjoni fil-futur tat-twettiq tal-proġetti; u

– il-proġetti li huma elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA.

[35] Il-qorti *a quo* tirrikonoxxi (punt 22 tad-digriet tar-rinviju) li d-"Digriet jipprovdi [...] ċertu numru ta' projbizzjonijiet ġenerali u ta' obbligi ta' awtorizzazzjoni *għal numru kbir ta' proġetti u ta' użu*". Enfasi miżjuda minni.

[36] L-Avukata Ġenerali Kokott, fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawżi CFE u Terre wallonne (C-43/18 u C-321/18, EU:C:2019:56, punt 43), sempliċement qalet li "wieħed faċilment jifhem id-dubji espressi minn diversi partijiet dwar jekk l-għażla ta' żona speċjali ta' konservazzjoni jew l-istabbiliment ta' għanijiet ta' konservazzjoni għas-siti Natura 2000 ta' reġjun jaqgħux taħt dawn l-oqsma [previsti fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2001/43]".

[37] Punt 1 tal-Artikolu 5(1).

[38] Punti 4 u 5 tal-Artikolu 5(1).

[39] Punt 6 tal-Artikolu 5(1)

[40] Punti 8, 9 u 10 tal-Artikolu 5(1).

[41] Skont Bund Naturschutz (p. 17 tal-verżjoni Franċiża tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha), dan l-istess artikolu jista' jaffettwa l-użu tal-art, billi jaffettwa x-xogħlijiet futuri ta' kostruzzjoni, peress li ma inkludiex "klawżola preventiva ta' ftuħ", kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali. Ir-risposta għal dan l-argument tiddependi madankollu mill-interpretazzjoni tad-dritt intern.

[42] Sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, "Verdi Ambiente e Società (VAS) – Aps Onlus" *et* (C-305/18, EU:C:2019:384, punt 47), u s-sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 65.

*a) Pjan jew programm li jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-proġetti previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA*

70. Skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva SEA, il-kelma "proġett" tinkludi:

– l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' installazzjonijiet jew skemi oħra,

– interventi oħra fil-madwar u fil-pajsaġġ naturali inklużi dawk li jinvolvu l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

71. It-terminu "proġett", fid-definizzjoni fformulata (b'mod partikolari fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva SEA), jikkorrispondi għal xogħlijiet jew interventi li jbiddlu r-realtà fiżika tas-sit [43].

72. Skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva SEA, il-proġetti li għandhom jiġu suġġetti għal evalwazzjoni huma dawk li jista' jkollhom "effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent minħabba *inter alia*, in-natura, il-kobor u l-post tagħhom", kif iddefiniti fl-Artikolu 4 tagħha, li jirreferi għal dawk elenkati fl-Annessi I u II tagħha [44].

73. Qari flimkien tal-Artikoli 2(1) u 4(1) tad-Direttiva SEA juri li l-proġetti elenkati fl-Anness I tagħha jinkludu, min-natura tagħhom, riskju ta' riperkussjonijiet sinjifikattivi fuq l-ambjent u għandhom neċessarjament ikunu s-suġġett ta' SEA [45].

74. Fir-rigward tal-proġetti elenkati fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk humiex suġġetti għal SEA fuq il-bażi ta' eżami każ b'każ jew abbażi ta' limiti jew ta' kriterji stabbiliti minn qabel.

75. Id-Digriet Inntal Süd jittrasponi dispożizzjonijiet dwar attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' proġett tad-Direttiva SEA, espost iktar 'il fuq, flimkien ma' oħrajn li jagħmlu dan.

76. Fil-fatt, kif tindika l-Kummissjoni [46], id-Digriet jinkludi xi attivitajiet li, anki jekk suġġetti għall-ħtieġa li tinkiseb awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel, huma estranji għall-kunċett ta' proġett [47]. L-ebda waħda minnhom ma tinvolvi t-twettiq ta' xogħol ta' kostruzzjoni jew ta' installazzjonijiet jew xogħlijiet oħra, u lanqas interventi fiżiċi fl-ambjent naturali jew fil-pajsaġġ. Konsegwentement, huma ma jikkorrispondux għall-kunċett ta' proġett tad-Direttiva SEA u l-istandard li jilqgħu ma jirrikjedix, minħabba f'hekk, EAS minn qabel.

43 Sentenzi tad-19 ta' April 2012, Pro-Braine *et* (C-121/11, EU:C:2012:225, punt 31); tad-29 ta' Lulju 2019, Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622, punt 62); u tad-9 ta' Settembru 2020, Friends of the Irish Environment (C-254/19, EU:C:2020:680, punt 32).

44 Sentenzi tas-17 ta' Marzu 2011, Brussels Hoofdstedelijk Gewest *et* (C-275/09, EU:C:2011:154, punt 25), u tad-29 ta' Lulju 2019, Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622, punt 74).

45 Sentenzi tal-24 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-404/09, EU:C:2011:768, punt 74); tal-11 ta' Frar 2015, Marktgemeinde Straßwalchen *et* (C-531/13, EU:C:2015:79, punt 20); u tad-29 ta' Lulju 2019, Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622, punt 75).

46 Punt 22 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

47 Fosthom hemm: "installazzjoni ta' trakkijiet ta' bejgħ jew ta' mmontar, tqegħid u ġestjoni ta' punti ta' bejgħ u magni ta' bejgħ" (il-punt 2(d) tal-Artikolu 5(1)); "iċ-ċirkulazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' vetturi bil-mutur barra minn toroq, mogħdijiet u spazji miftuħa għaċ-ċirkulazzjoni pubblika jew li jistabbilixxuhom fuq tali żoni" (il-punt 3 tal-Artikolu 5(1)); "kampeġġ jew stazzjonar tal-karavans (inklużi l-karrijiet li jingħalqu) jew vetturi residenzjali bil-mutur barra mill-postijiet awtorizzati jew li jippermettu tali aġir" (il-punt 12 tal-Artikolu 5(1)); "it-titjir jew l-inżul ta' inġenji tal-ajru barra mill-ajruporti awtorizzati" (il-punt 13 tal-Artikolu 5(1)).

77. Madankollu, id-Digriet Inntal Süd jipprevedi, fl-istess ħin, in-neċessità ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġu pprattikati fiż-żona ta' protezzjoni attivitajiet oħra li jaqgħu taħt il-lista ta' proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA. Dan huwa l-każ f'diversi minn dawk deskritti fl-Artikoli 4 u 5 tiegħu[48]. Barra minn hekk, infakkar, li din hija wkoll l-evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju[49].

78. Dawn l-aħħar attivitajiet (suġġetti għal awtorizzazzjoni mill-Artikolu 5 tar-Regolament) jintegraw ruħhom, nirrepeti, mingħajr diffikultà fost il-proġetti miġbura fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA[50].

79. Barra minn hekk, il-punt 1 tal-Artikolu 5(1) tad-Digriet jitkellem dwar il-ħtieġa tal-awtorizzazzjoni ta' "bini, modifikazzjoni jew tibdil fl-użu ta' *xogħlijiet ta' kull xorta* [[51]], anki jekk ma jeħtiġux permess ta' bini". Dawn ix-xogħlijiet jirreferu għal diversi tipi ta' proġetti ċċitati fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA.

80. Fil-qosor, id-Digriet Inntal Süd jista', bħala prinċipju, jiġi identifikat bħala wieħed mill-pjanijiet jew programmi li jipprevedu l-awtorizzazzjoni tal-proġetti previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA, li jkunu jeħtieġu EAS minn qabel.

81. L-istadju segwenti huwa li jiġi vverifikat jekk id-digriet fihx, barra minn hekk, qafas ta' referenza għat-tfassil futur ta' proġetti koperti mid-Direttiva EA.

*b) Pjan jew programm li jistabbilixxu qafas għall-awtorizzazzjoni tal-proġetti*

82. L-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS jeżiġi li l-pjan jew il-programm jiddefinixxu l-qafas għall-awtorizzazzjoni futura tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA.

83. Hija din il-kundizzjoni li tippreżenta l-iktar diffikultajiet fl-applikazzjoni tad-Direttiva EAS. Kif indikajt f'dak iż-żmien, "dawn il-pjanijiet u l-programmi għandhom jissodisfaw il-kundizzjoni li jintegraw qafas leġiżlattiv għall-awtorizzazzjoni ulterjuri ta' proġetti b'effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent [...] huwa l-element ewlieni sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [EAS] jasal sal-punt ġust tiegħu, mingħajr ma jkun hemm indħil eċċessiv fuq l-attività leġiżlattiva tal-Istati Membri"[52].

[48] Skont l-Artikolu 4, huma pprojbiti "fiż-żona ta' protezzjoni tal-pajsaġġi, azzjonijiet li jbiddlu n-natura tagħhom jew li jmorru kontra l-għan ta' protezzjoni mfittex". Fl-Artikolu 5, il-projbizzjoni testendi għall-"bini, il-konverżjoni jew it-tibdil fl-użu ta' kwalunkwe installazzjoni" (punt 1 tal-paragrafu 1); "l-installazzjoni ta' wajers kondutturi, kejbils jew pajpijiet fuq jew taħt l-uċuħ tal-art u t-tqegħid ta' arbli" (punt 2(b) tal-paragrafu 1) "il-bini jew it-tibdil sostanzjali ta' toroq, mogħdijiet jew spazji, b'mod partikolari, ta' kampeġġi, grawnds tal-isport, ż-żoni tal-logħob u ż-żoni tal-għawm jew ta' faċilitajiet simili" (punt 2(c) tal-paragrafu 1); "il-ġbid tal-ilma tal-wiċċ lil hinn minn użu komuni awtorizzat jew ta' taħt l-art, it-tibdil tal-korpi tal-ilma, ix-xtut tagħhom jew il-qigħan tagħhom, il-fluss tad-dħul jew tal-ħruġ tal-ilma jew il-livell pidemometriku, il-ħolqien ta' korpi ġodda tal-ilma jew il-bini ta' sistemi ta' dranaġġ" (punt 4 tal-paragrafu 1); "il-qtugħ, it-twaqqigħ jew l-eliminazzjoni b'kull mod ieħor, f'ambjenti miftuħa u barra minn foresti, siġar individwali, sisien tal-ħaxix, ċnut tal-ħaxix jew imsaġar jew arbuxxelli tal-għelieqi li jikkaratterizzaw il-pajsaġġ" (punt 8 tal-paragrafu 1); "tqaċċit totali jew parzjali forestali, twettiq tal-ewwel forestazzjoni jew qtugħ dritt f'dan il-kuntest ta' iktar minn 0.5 ettaru, trasformazzjoni ta' foresti li jwaqqgħu l-weraq, imħallta jew alluvjali f'foresti li għandhom kontenut predominanti ta' koniferiji jew li jistabbilixxu pjanti speċjalizzati (pereżempju, mixtla)" (punt 9 tal-paragrafu 1).

[49] Punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[50] Proġetti ta' "bini ta' awtostradi u toroq li jgħaqqdu bliet direttament u bil-ħeffa" (punt 7(b) tal-Anness I); ta' "l-bini ta' triq ġdida ta' erba' korsiji jew iktar" (punt 7(c) tal-Anness I); "għall-immaniġġjar tal-ilma għall-biedja, inklużi t-tisqija u proġetti għat-tnixxif ta' artijiet mgħaddra" (punt 1(c) tal-Anness II), jew tal-"afforestazzjoni u d-deforestazzjoni tal-bidu bil-għan ta' qlib għal użu ieħor tal-art" (punt 1(d) tal-Anness II).

[51] Enfasi miżjuda minni.

[52] Konklużjonijiet Eoliċi f'Aalter u f'Nevelle, punt 74.

84. Il-frażi "li jistabilixxu l-qafas għall-kunsens futur għall-iżvilupp tal-proġetti" ma tagħmel l-ebda riferiment għal-liġijiet nazzjonali. Huwa għalhekk kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fit-territorju tagħha [53].

85. Pjan jew programm jistabbilixxu qafas għall-awtorizzazzjoni futura tal-proġetti koperti mid-Direttiva SEA meta jkun "att li jistabbilixxi, billi jiddefinixxi regoli u proċeduri ta' kontroll applikabbli għas-settur ikkonċernat, ġabra sinjifikattiva ta' kriterji u ta' modalitajiet għall-awtorizzazzjoni u għall-implimentazzjoni ta' proġett wieħed jew iktar li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent" [54].

86. B'dan il-mod, jiġi żgurat li l-evalwazzjoni ambjentali ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent [55] ikunu bħala parti minn sekwenza regolatorja; *a sensu contrario*, tevita li l-kriterji jew il-kundizzjonijiet stabbiliti b'mod iżolat jimponu EAS.

87. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-"ġabra sinjifikattiva ta' kriterji u ta' kundizzjonijiet" għandha tinftiehem kwalitattivament u mhux kwantitattivament. Huwa biżżejjed li l-*ġabra* tkun sinjifikattiva, u mhux eżawrjenti, sabiex il-pjan jew programm li jistabbilixxiha jirrikjedi EAS. Dan ikopri wkoll strateġiji possibbli sabiex jiġu evitati l-obbligi stabbiliti mid-Direttiva EAS, pereżempju, bil-frammentazzjoni tal-miżuri, u b'dan il-mod jitnaqqas l-effett utli tal-imsemmija direttiva [56].

88. Leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi qafas għat-tfassil ta' proġetti previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA biss jekk dan il-qafas ikun jista' jikkundizzjona l-imsemmija proġetti [57].

89. Ma huwiex neċessarju li l-pjan jew il-programm jipprevedu espressament u fid-dettall il-proġetti, iżda jidhirli li huwa indispensabbli li huma jkollhom numru suffiċjenti ta' kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiffissaw il-kontenut, it-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom.

90. Fi kliem ieħor, pjan jew programm jista' jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u jeħtieġ EAS minn qabel jekk jintroduċi dispożizzjonijiet fuq il-lokalizzazzjoni, il-karatteristiċi, id-dimensjonijiet, il-kundizzjonijiet għall-funzjonament jew l-allokazzjoni ta' riżorsi fi ħdan l-imsemmija proġetti.

91. B'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, huma kienu jistabbilixxu qafas għall-awtorizzazzjoni futura ta' proġetti, sabiex jinkorporaw ġabra sinjifikattiva ta' kriterji u kundizzjonijiet għat-tfassil tagħhom, fost oħrajn:

– Leġiżlazzjoni ta' Wallonie li tirreferi, b'mod partikolari, għar-"regoli tekniċi, il-modalitajiet ta' użu (b'mod partikolari d-dellijiet stroboskopiċi), il-prevenzjoni ta' inċidenti u ta' nirien (fost

[53] Sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 75.

[54] Sentenzi D'Oultremont *et*, punt 49; Inter-Environnement Bruxelles *et*, punt 53; CFE, punt 61; u Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 67.

[55] Sentenzi tat-28 ta' Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne (C-41/11, EU:C:2012:103, iktar 'il quddiem is-"sentenza Inter-Environnement Wallonie *et*", punt 42); Inter-Environnement Bruxelles *et*, punt 54; u Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 68.

[56] Konklużjonijiet Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 90. Ara s-sentenzi Inter-Environnement Bruxelles *et*, punt 64, u Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 70.

[57] Din l-idea hija kondiviża fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Gvern Ġermaniż (punt 22 tal-osservazzjonijiet tagħhom), Ċek (punti 14, 19 u 23 tal-osservazzjonijiet tagħhom) u Irlandiż (punti 32 u 40 tal-osservazzjonijiet tagħhom).

oħrajn il-waqfien tat-turbina), ir-regoli ta' livell ta' ħsejjes, it-tiswija kif ukoll il-kostituzzjoni ta' garanziji finanzjarji għall-eoliċi" [58].

– Leġiżlazzjoni tar-Reġjun Fjamming (digriet u ċirkulari) b'dispożizzjonijiet dwar l-installazzjoni u l-użu ta' eoliċi, fosthom miżuri dwar il-protezzjoni ta' dell stroboskopiku, is-sigurtà u l-istandards tal-ħoss [59].

– Regolament dwar l-ippjanar urban (ta' Brussell-Kapitali), li jiġbor ċerti rekwiżiti fir-rigward tat-twettiq ta' proġetti ta' bini u regoli applikabbli għall-kostruzzjonijiet kollha, jiġifieri, għall-bini, irrispettivament min-natura tagħhom, u għall-madwar kollu tagħhom, inklużi ż-"żoni ta' spazju miftuħ" u ż-"żoni ta' mogħdija", kemm jekk privati u kemm jekk aċċessibbli għall-pubbliku [60].

92. Għalhekk, il-pjanijiet u l-programmi eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi D'Oultremont *et*, Inter-Environnement Bruxelles *et*, kif ukoll Eoliċi f'Aalter u f'Nevele kienu jistabbilixxu oqfsa għall-approvazzjoni ta' proġetti u kienu jirrikjedu, minħabba f'hekk, it-twettiq ta' EAS qabel l-adozzjoni tagħhom.

93. L-istess jgħodd għad-Digriet Inntal Süd? Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk dan huwiex il-każ u tali Digriet għandu numru sinjifikattiv ta' kriterji applikabbli għall-iffissar tal-kontenut, l-proċedura ta' tfassil u l-applikazzjoni tal-proġetti previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2001/42. Fid-digriet tar-rinviju tagħha, jidher li qiegħda ssostni li dan ma huwiex il-każ u, kif sussegwentement espost, jiena naqbel, essenzjalment, mal-fehma tagħha.

94. Il-qorti tar-rinviju tiddubita li d-Digriet Inntal Süd jistabbilixxi verament qafas ta' referenza għat-tfassil ta' proġetti. Fil-fehma tagħha, ir-regolament "ma jinkludix regoli speċifiċi dwar l-awtorizzazzjoni tal-proġetti [u lanqas] jirregola l-awtorizzazzjoni (f'settur speċifiku) tal-proġetti, iżda għandu l-għan prinċipali li jipprekludihom jew, fi kwalunkwe każ, li jiżgura li dawn josservaw il-protezzjoni tan-natura" [61].

95. L-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża ssostni din l-evalwazzjoni.

96. Fl-ewwel lok, id-Digriet Inntal Süd jistabbilixxi (Artikolu 4) projbizzjoni ġenerali, fiż-żona protetta, tal-atti kollha li jbiddlu n-natura taż-żona jew li jmorru kontra l-għan ta' protezzjoni. Din il-projbizzjoni ġenerali tidher li tikkoinċidi ma' dik stabbilita fuq livell federali mill-Artikolu 26(2) tal-BNatSchG u ma tinkludix żviluppi addizzjonali li jippermettu li r-regolament jiġi kkwalifikat bħala pjan jew programm li jistabbilixxi qafas għat-tfassil ta' proġetti.

97. Fit-tieni lok, huwa minnu li l-Artikolu 5 tad-Digriet Inntal Süd jippreskrivi awtorizzazzjonijiet ta' attivitajiet fiż-żona ta' protezzjoni u jiddikjara limiti preċiżi f'ċerti każijiet (il-punt 1(a) u (c) tal-Artikolu 5(1), l-Artikolu 5(2)(a) u l-punt 9 tal-Artikolu 5(1), pereżempju). Madankollu, il-parti l-kbira tal-projbizzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet għandhom natura ġenerali u azzjonijiet sussegwenti jintalbu sabiex ikunu jistgħu jikkundizzjonaw direttament it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti koperti mid-Direttiva SEA.

[58] Is-sentenza d'Oultremont *et*, punt 50, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li "tali regoli għandhom importanza u portata suffiċjentement sinjifikattivi għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet applikabbli għas-settur ikkonċernat u l-għażliet b'mod partikolari ta' natura ambjentali magħmula permezz ta' dawn ir-regoli huma mitluba sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li fihom il-proġetti konkreti ta' kostruzzjoni u ta' użu ta' siti eoliċi jistgħu jiġu awtorizzati fil-futur".

[59] Sentenza Eoliċi f'Aalter u f'Nevele.

[60] Sentenza Inter-Environnement Bruxelles *et*, punti 48 sa 50.

[61] Digriet tar-rinviju, punt 25.

98. Kif tindika l-Kummissjoni[62], in-nuqqas ta' determinazzjoni tar-regoli tad-Digriet jimplika li dan ma jinkludix kriterji u modalitajiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' proġetti. Huwa neċessarju li jintużaw dispożizzjonijiet oħra għat-tfassil tal-imsemmija proġetti, b'tali mod li d-Digriet ma joffrix, waħdu, qafas ta' riferiment għall-awtorizzazzjoni tal-proġetti koperti mid-Direttiva EAS.

99. Is-sentenza CFE ma tikkontradixxix dak li għadni kemm spjegajt, iżda pjuttost il-kuntrarju. Il-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'dik il-kawża kienet digriet tal-Gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali li permezz tiegħu nħatar sit Natura 2000[63]. Huwa kien previst, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' konservazzjoni u protezzjoni li kienet tiddefinixxi, miżuri ta' prevenzjoni u projbizzjonijiet ġenerali u speċifiċi. Għal dan il-għan, hija tispeċifika d-deċiżjonijiet u tagħmel parti minn ġerarkija ta' miżuri intiżi għall-protezzjoni tal-ambjent, li jinkludu l-pjanijiet ta' ġestjoni futuri.

100. Minkejja l-evalwazzjoni tal-korp ġudizzjarju tar-rinviju[64], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, bla ħsara għall-verifiki li għandhom jitwettqu minnha, "digriet, […] li permezz tiegħu Stat Membru jagħżel ŻSK [Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni] u jistabbilixxi għanijiet ta' konservazzjoni u ċerti miżuri ta' prevenzjoni, huwa inkluż fil-'pjanijiet u programmi' li għalihom evalwazzjoni tal-effetti ambjentali hija obbligatorja"[65].

101. Ix-xebh bejn l-Artikolu 5 tad-Digriet Inntal Süd u l-Artikolu 15 tad-Digriet Belġjan huma numerużi.

102. Fl-aħħar nett, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva EAS fis-sens li Digriet intiż għall-protezzjoni tan-natura u l-pajsaġġ, li jistabbilixxi projbizzjonijiet ġenerali (b'eċċezzjonijiet) u obbligi ta' awtorizzazzjoni, iżda li ma jistabbilixxix regoli ddettaljati biżżejjed dwar il-kontenut, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti msemmija fl-Annessi I u II tad-Direttiva SEA, filwaqt li jinkludi ċerti miżuri dwar l-attivitajiet imsemmija fl-imsemmija proġetti, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

### *B. It-tielet domanda preliminari*

103. Il-qorti *a quo* tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva EAS għandux jiġi interpretat fis-sens li Digriet bħal dak inkwistjoni hawnhekk jikkostitwixxi, tal-inqas, pjan jew programm li għandu effett sinjifikattiv fuq l-ambjent f'setturi oħra differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni.

104. Infakkar li l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva EAS jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Kuntrarjament għall-Artikolu 3(2), ma huwiex awtomatikament preżunt li ċerti pjanijiet u programmi għandhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, iżda teżiġi li l-Istati Membri jiddeterminawh. Il-pjanijiet u l-programmi li għalihom jestendi huma dawk li jiddefinixxu qafas għall-awtorizzazzjoni futura ta' proġetti, iżda li ma humiex riprodotti fl-Artikolu 3(2).

62 Osservazzjonijiet bil-miktub, punt 33.

63 "Il-Foresta Soignes b'limiti u żoni bis-siġar viċini u l-Wied tal-Woluwe – Kumpless tal-Foresta ta' Soignes – Wied tal-Woluwe".

64 Il-qorti tar-rinviju qieset li n-nomina ta' sit bħala ŻSK kienet tipproduċi effetti legali fuq l-adozzjoni ta' pjanijiet u fuq l-eżami ta' talbiet għal permess li jaffettwaw l-imsemmi sit, kemm fil-qasam tal-proċedura kif ukoll fir-rigward tal-kriterju deċiżjonali, u għalhekk tikkontribwixxi sabiex jiġi ddefinit il-kuntest għall-azzjonijiet li bħala prinċipju huma ammessi, imħeġġa jew ipprojbiti, b'tali mod li ma tirriżultax estranja għall-kunċett ta' pjan jew ta' programm (sentenza CFE, punt 63).

65 Sentenza CFE, punti 62 u 74.

105. Dan l-obbligu, kif previst fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva EAS (bħall-Artikolu 3(2)(a)) jiddependi minn jekk il-pjan jew il-programm inkwistjoni jiddefinixxi l-qafas għall-awtorizzazzjoni futura tat-twettiq tal-proġetti [66].

106. Kif ipproponejt li tingħata risposta għall-ewwel żewġ domandi preliminari fis-sens li Digriet bħal dak tar-rinviju ma jiddefinixxix qafas għall-awtorizzazzjoni futura tat-twettiq ta' proġetti, nikkonkludi li dan lanqas ma jaqa' taħt il-kunċett ta' pjanijiet u programmi f'setturi oħra, li għalihom l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva EAS jeżiġi EAS minn qabel.

107. Kemm il-pjanijiet u l-programmi fis-setturi sensittivi tal-Artikolu 3(2) kif ukoll il-pjanijiet u l-programmi f'setturi oħra mhux sensittivi, iżda b'effett fuq l-ambjent, tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva EAS għandhom jistabbilixxu qafas għall-approvazzjoni u t-twettiq ta' proġetti konkreti. F'dan l-istadju, naħseb li hemm koinċidenza bejn dawn iż-żewġ tipi ta' pjanijiet u programmi.

108. Għalhekk, ma jkunx koerenti li jiġi rrifjutat li d-Digriet Inntal Süd jinkorpora qafas għat-twettiq ta' proġetti fis-setturi sensittivi u, fl-istess ħin, li jiġi aċċettat li dan jinkorporah fil-każ ta' setturi mhux sensittivi.

## *C. Il-limitazzjoni eventwali tal-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja*

109. Il-Landesanwaltschaft Bayern u l-Gvern Ġermaniż jixtiequ li l-Qorti tal-Ġustizzja tillimita l-effetti tas-sentenza tagħha, jekk tiddeċiedi li d-Digriet Inntal Süd kien jeħtieġ EAS minn qabel: huwa għandu jillimita l-effetti tiegħu *ratione temporis* jew jissospendi, ukoll temporanjament, l-effett ta' esklużjoni tas-supremazija tad-Direttiva EAS.

110. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, inqis li t-tfassil ta' EAS ma hijiex obbligatorja qabel ma tiġi adottata leġiżlazzjoni bħad-Digriet Inntal Süd. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tħassib ta' lakuna ġuridika li juru l-Landesanwaltschaft Bayern u l-Gvern Ġermaniż jonqos.

111. Għaldaqstant, ma huwiex indispensabbli li wieħed jistaqsi dwar il-limitazzjoni tal-effetti tas-sentenza interpretattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja jew is-sospensjoni tal-effett ta' esklużjoni tas-supremazija tad-Direttiva EAS fuq regola nazzjonali kuntrarja għaliha.

112. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-pożizzjoni tiegħi u tiddeċiedi li regola bħad-Digriet Inntal Süd titlob EAS minn qabel, ser nanalizza, sussidjarjament, il-possibbiltajiet li jiġu limitati l-konsegwenzi tas-sentenza tagħha.

113. Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sa issa, ġie stmat li ż-żoni ta' konservazzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ, inklużi ż-żoni speċjali ta' konservazzjoni fis-sens tad-Direttiva 92/43 [67], ma kellhomx ikunu suġġetti għal EAS minn qabel. Hija żżid li:

– Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tistabbilixxi l-obbligu, skont id-dritt tal-Unjoni, li twettaq EAS jew, fi kwalunkwe każ, eżami minn qabel skont id-dritt nazzjonali, huwa probabbli li diversi

66 Sentenza CFE, punt 60.

67 F'din id-deċiżjoni preliminari, ma ġiet magħmula ebda domanda dwar il-habitats naturali u l-ispeċi selvaġġi ta' flora u fawna ta' interess Komunitarju, li huma rregolati mid-Direttiva 92/43. Ir-rekwiżiti dwar il-pjanijiet u l-programmi tad-Direttiva EAS ma jistgħux jiġu applikati, madankollu, lill-istatus legali ta' dawn il-habitats u speċi.

indikazzjonijiet ta' żoni protetti wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva EAS, jiġifieri sal-21 ta' Lulju 2004, huma vvizzjati b'irregolaritajiet proċedurali.

– Skont id-dritt nazzjonali, tali irregolarità timplika, bħala prinċipju, in-nuqqas ta' effetti tad-dispożizzjoni leġiżlattiva korrispondenti[68]. B'dan il-mod, l-obbligu li tiġi pprattikata EAS jew eżami preliminari jista' "jnaqqas kunsiderevolment il-livell ta' protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ milħuq fil-Ġermanja"[69].

114. Madankollu, dawn il-konstatazzjonijiet ma jwasslux lill-qorti tar-rinviju sabiex titlob il-limitazzjoni tal-effetti tas-sentenza (futura) tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-silenzju tagħhom fuq dan il-punt huwa, fil-fehma tiegħi, indizju sinjifikattiv li ma hemmx biżżejjed motivi sabiex jiġġustifikaw tali limitazzjoni[70].

115. Il-Landesanwaltschaft Bayern u l-Gvern Ġermaniż, għall-kuntrarju, insistew, waqt is-seduta, fuq il-konsegwenzi negattivi għall-protezzjoni tal-ambjent li jwasslu għall-invalidazzjoni taż-żoni ta' protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ, billi tennew il-pretensjoni tagħhom, diġà espressa matul il-proċedura bil-miktub[71].

116. Sabiex tirrimedja għal din is-sitwazzjoni, Bund Naturschutz ipproponiet, waqt is-seduta, li ma tiġix applikata d-Direttiva EAS għan-nomina *inizjali* ta' żoni ta' protezzjoni tan-natura, li jkollhom impatt pożittiv. Huma biss il-modifiki *ulterjuri* ta' dawn iż-żoni, peress li jnaqqsu l-protezzjoni tal-ambjent, li huma suġġetti għad-Direttiva.

117. Jiena ma naqbilx ma' din is-soluzzjoni. Id-Direttiva EAS ma tagħmilx distinzjoni bejn l-approvazzjoni inizjali u l-emenda sussegwenti tal-pjanijiet u programmi, sabiex tinvoka EAS minn qabel. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-EAS japplika wkoll għall-pjanijiet u l-programmi li għandhom effetti pożittivi fuq l-ambjent[72].

118. Infakkar li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "[f]l-assenza, f'din id-direttiva, ta' dispożizzjonijiet dwar il-konsegwenzi li għandhom jitnisslu minn ksur tad-dispożizzjonijiet proċedurali li hija tistabbilixxi, huma l-Istati Membri li għandhom, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, ġenerali jew partikolari sabiex il-'pjanijiet' jew 'programmi' kollha li jista' jkollhom 'effett sinifikanti fuq l-ambjent' fis-sens [tad-Direttiva 2001/42] ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali, konformement mal-modalitajiet proċedurali u mal-kriterji previsti minn din id-direttiva"[73].

119. Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali (Artikolu 4(3) TUE), l-Istati Membri huma marbuta li jeliminaw il-konsegwenzi illegali ta' tali ksur tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi l-qrati nazzjonali aditi

[68] Skont il-qorti *a quo* (punt 16 tad-digriet tar-rinviju), l-assenza ta' effetti tista' tiġi invokata minn kull persuna li tixtieq twettaq proġett fiż-żona protetta. F'tali każ, l-qorti kompetenti tkun obbligata tanalizza, inċidentalment, il-validità tad-digriet, mingħajr ma d-dritt nazzjonali jistabbilixxi ebda terminu, peress li, hija tirrileva, ir-regolamenti – b'differenza mill-atti amministrattivi – ma jiksbux natura definittiva.

[69] Punt 16 tad-digriet tar-rinviju, *in fine*.

[70] Il-qorti tar-rinviju tenfasizza (punt 16 tad-digriet tar-rinviju) l-importanza tal-kwistjonijiet imqajma, iżda, nerġa' nirrepeti, ma titlobx espressament lill-Qorti tal-Ġustizzja tillimita l-effetti ta' eventwali sentenza li minnha tirriżulta l-inkompatibbiltà tad-Digriet mad-Direttiva EAS.

[71] Huma avżaw ukoll dwar l-ispiża amministrattiva li tirriżulta mill-ftuħ mill-ġdid tal-proċeduri għan-nomina ta' żoni u t-twettiq tal-EAS minn qabel, jekk dawn kienu neċessarji.

[72] Sentenza CFE, punt 41.

[73] Sentenzi Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 82, u tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement (C-379/15, EU:C:2016:603; iktar 'il quddiem is-"sentenza Association France Nature Environnement", punt 30).

b'rikors kontra att tad-dritt intern li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni, huma obbligati li jadottaw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, il-miżuri kollha neċessarji sabiex jirrimedjaw l-ommissjoni ta' EAS[74].

120. Konformement ma' dan l-obbligu ġenerali, pjan jew programm adottat mingħajr EAS, bi ksur tad-Direttiva EAS, għandu jiġi sospiż, annullat jew jitħalla mhux applikat mill-qorti nazzjonali sabiex tibda tingħata effett utli lis-supremazija tad-dritt tal-Unjoni. *A fortiori*, l-awtorizzazzjonijiet ta' proġetti bbażati fuqhom għandu jkollhom l-istess riżultat[75].

## *1. Limitazzjoni* ratione temporis *tal-effetti tad-deċiżjoni preliminari*

121. Is-sentenzi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jipproduċu effetti mill-mument tad-dħul fis-seħħ tar-regola tad-dritt tal-Unjoni li hija suġġett għal interpretazzjoni[76].

122. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti biss, b'mod restrittiv ħafna, eċċezzjoni għal din ir-regola, b'applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti fis-sistema ġuridika tal-Unjoni. Għalhekk, għandha tiġi rrispettata l-*bona fide* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji, bl-oneru tal-prova jaqa' fuq l-Istat li jinvokahom[77].

123. L-argumenti mressqa mil-Landesanwaltschaft Bayern u mill-Gvern Ġermaniż dwar l-adozzjoni tad-Digriet ikkontestat ma jidhirlix li huma suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-pretensjoni tagħhom.

124. Wara l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva EAS adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne, kien, tal-inqas, prevedibbli li jiġi dedott li r-regoli Ġermaniżi li jirregolaw iż-żoni ta' protezzjoni setgħu, skont il-kontenut tagħhom, jiġu kklassifikati bħala pjanijiet u programmi suġġetti għall-obbligu ta' EAS minn qabel, anki jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali ma jeħtiġux dan.

[74] Din ir-riflessjoni u dawk li se nesponi fil-punti li ġejjin jikkorrispondu għal dawk tal-konklużjonijiet Eoliċi f'Aalter u f'Nevele.

[75] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Association France Nature Environnement (punti 31 u 32); tat-12 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Qasam ta' mtieħen tar-riħ ta' Derrybrien) (C-261/18, EU:C:2019:955, punt 75); u Eoliċi f'Aalter u f'Nevele, punt 83.

[76] Skont il-ġurisprudenza stabbilita, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil regola tad-dritt tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, tikkjarifika u tispeċifika t-tifsira u l-portata tal-imsemmija regola, kif għandha jew kif kellha tinftiehem u tiġi applikata mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha. Minn dan jirriżulta li r-regola li ġiet interpretata tista' u għandha tiġi applikata mill-qorti għal relazzjonijiet ġuridiċi li jinħolqu u li jiġu stabbiliti qabel l-għoti tas-sentenza li tiddeċiedi fuq it-talba għal interpretazzjoni jekk, barra minn hekk, il-kundizzjonijiet sabiex titressaq tilwima dwar l-applikazzjoni tal-imsemmija regola quddiem il-qrati kompetenti jiġu ssodisfatti (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan, C-274/18, EU:C:2019:828, punt 60, u tas-16 ta' Settembru 2020, Romenergo u Aris Capital, C-339/19, EU:C:2020:709, punt 47)

[77] Sentenzi tal-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan (C-274/18, EU:C:2019:828), punt 61, u tas-16 ta' Settembru 2020, Romenergo u Aris Capital (C-339/19, EU:C:2020:709), punti 48 u 50. Fil-punt 49 ta' din l-aħħar sentenza, jiġi spjegat li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet għal din is-soluzzjoni biss f'ċirkustanzi ferm speċifiċi, meta kien jeżisti riskju ta' riperkussjonijiet ekonomiċi serji dovuti, b'mod partikolari, għan-numru kbir ta' relazzjonijiet ġuridiċi kkostitwiti *in bona fide* abbażi tal-leġiżlazzjoni meqjusa bħala validament fis-seħħ u li jidher li l-individwi u l-awtoritajiet nazzjonali kienu ġew imħeġġa jadottaw aġir li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni, minħabba inċertezza oġġettiva u sinjifikattiva fir-rigward tal-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, inċertezza li eventwalment ikkontribwixxa għaliha l-aġir stess adottat minn Stati Membri oħra jew mill-Kummissjoni Ewropea (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan, C-274/18, EU:C:2019:828, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

125. Bl-istess mod, kien prevedibbli li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li mhux biss il-pjanijiet u l-programmi li għandhom effett negattiv fuq l-ambjent, iżda wkoll dawk li għandhom impatt pożittiv (bħal dawk li jistabbilixxu ż-żoni ta' protezzjoni tan-natura), kellhom jiġu suġġetti għal EAS[78].

126. In-nuqqas ta' rikors għal inadempjenza ppreżentat mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja (sa fejn ma pproċedietx b'EAS qabel l-adozzjoni ta' pjanijiet jew ta' programmi għaż-żoni ta' protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ) ma huwiex, fih innifsu, motiv sabiex tiġi invokata l-*bona fide* tal-awtoritajiet Ġermaniżi.

127. Ir-raġunijiet imressqa minn dawn l-awtoritajiet sabiex isostnu li l-annullament tar-regoli dwar iż-żoni ta' protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ jipprovokaw, *eo ipso*, konsegwenzi "katastrofiċi" fil-Ġermanja lanqas ma jidhirli li huma definittivi, kif sostnew l-intervenjenti waqt is-seduta. Jimmilitaw kontra dawn ir-raġunijiet:

– minn naħa, li l-assenza ta' effetti tad-Digriet Inntal Süd jista' wkoll ikollu effett pożittiv fuq l-ambjent jekk, kif issostni Bund Naturschutz, dan kien jippreżupponi l-applikazzjoni tad-Digriet preċedenti, li kien iżid iż-żona ta' protezzjoni li sa dak iż-żmien kienet fis-seħħ, imnaqqsa minnu;

– min-naħa l-oħra, li l-għajxien, għal din iż-żona u għal dawk kollha analogi, mill-bqija tal-leġiżlazzjoni settorjali jippermetti l-kontroll amministrattiv ta' parti kbira tal-attivitajiet li jista' jkollhom effetti ambjentali.

*2. Sospensjoni temporanja tal-effett ta' esklużjoni tas-supremazija tad-Direttiva 2001/42 fuq id-dritt nazzjonali kuntrarju*

128. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li tista', b'mod ta' eċċezzjoni u b'rigward għall-kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali, tissospendi provviżorjament l-effett ta' esklużjoni li teżerċita regola tal-Unjoni fuq id-dritt nazzjonali li jmur kontriha[79].

129. Din il-prerogattiva hija rriżervata esklużivament mill-Qorti tal-Ġustizzja stess, li mill-ġurisprudenza tagħha huwa dedott li:

– li kieku l-qrati nazzjonali kellhom is-setgħa li jagħtu supremazija lil regoli nazzjonali li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni, anki fuq bażi provviżorja, l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni tiġi ppreġudikata[80];

– jekk id-dritt intern jawtorizzah, qorti nazzjonali tista' tillimita, b'mod eċċezzjonali u wara eżami ta' każ b'każ, l-effikaċja temporanja ta' dikjarazzjoni ta' illegalità ta' dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali adottata bi ksur tal-obbligi tad-Direttiva EAS.

78 Sentenza CFE, punt 41. Preċedentement, dan kien diġà l-każ tal-evalwazzjoni ambjentali tal-proġetti suġġetti għad-Direttiva SEA fis-sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Ecologistas en Acción-CODA (C-142/07, EU:C:2008:445, punt 41).

79 Sentenzi tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503, punti 66 u 67), u Association France Nature Environnement, punt 33.

80 Sentenzi tad-29 ta' Lulju 2019, Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622, punt 177), u Eolici f'Aalter u f'Nevele, punt 84.

130. Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fil-kawża dwar jekk id-dritt Ġermaniż jippermettix iż-żamma provviżorja tar-regoli dwar iż-żoni ta' protezzjoni tan-natura, ladarba annullati. Il-Landesanwaltschaft Bayern issostni li le [81], iżda, skont Bund Naturschutz, il-ġurisprudenza tal-qorti tar-rinviju tittollera tali applikazzjoni provviżorja f'każijiet ta' annullament għal raġunijiet formali [82].

131. Hija l-qorti *a quo* li għandha tiddetermina jekk, minkejja l-invalidità tagħhom, hija għandhiex rimedji proċedurali li jippermettulha żżomm provviżorjament ir-regoli dwar iż-żoni ta' protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ [83]. Kieku dan ma kienx il-każ, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effett ta' esklużjoni tas-supremazija ma tkunx tista' tiġi applikata.

132. Fl-ipoteżi fejn id-dritt intern Ġermaniż jawtorizzah, ikun għad irid jiġi vverifikat jekk l-esklużjoni temporanja tas-supremazija hijiex iġġustifikata minn kunsiderazzjoni imperattiva marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent u jekk il-bqija tal-kundizzjonijiet tas-sentenza Inter-Environnement Wallonie Terre wallonne humiex issodisfatti [84].

133. Ir-rekwiżit imperattiv ta' interess ġenerali invokat mill-awtoritajiet Ġermaniżi huwa li l-protezzjoni tal-ambjent titnaqqas jekk dan id-Digriet u oħrajn simili jiġi annullat.

134. Fil-fehma tiegħi, ma ntweriex b'mod komplet li l-eventwali invalidità jew telf ta' effikaċja [85] tar-regolamenti dwar iż-żoni ta' protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ (peress li ma kinux is-suġġett ta' EAS minn qabel) ser iwassal, b'mod inevitabbli, għal lakuna ġuridika ta' tali kalibru li jipperikola l-protezzjoni tal-ambjent. Diversi argumenti jistgħu jitressqu fis-sens kuntrarju:

– iż-żoni protetti qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva EAS fl-2004 ma humiex affettwati;

– fiż-żoni li l-protezzjoni tagħhom ingħatat wara l-2004, it-telf ta' effikaċja (jew, jekk ikun il-każ, in-nullità) tad-digrieti approvati mingħajr EAS minn qabel jista' jiġi "nnewtralizzat", għall-inqas parzjalment, bl-applikazzjoni tar-regoli protettivi preċedenti, kif diġà esponejt;

– jekk, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, id-digrieti adottati mingħajr EAS minn qabel, iżda li ma kinux is-suġġett ta' rikors dirett f'dak iż-żmien, jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' mekkaniżmu indirett (eċċezzjoni ta' illegalità jew azzjoni inċidentali), ma huwiex stabbilit li s-sentenza li ttemm dan ir-rikors għandha natura *erga omnes* [86];

– ir-regoli federali u tal-Lands li jinkludu l-kontenut tad-Direttiva EAS jibqgħu obbligatorji, bil-possibbiltà li jiġi pparalizzat it-twettiq ta' proġetti negattivi għall-ambjent;

[81] Punt 50 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

[82] Osservazzjonijiet bil-miktub ta' Bund Naturschutz, p. 25, li jirreferu għas-sentenza tal-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) tal-25 ta' Ottubru 1979 – 2 N 1/78 – BVerwGE 59, 48 sa 56, punt 11. Waqt is-seduta, il-Gvern Ġermaniż u l-Landesanwaltschaft Bayern ikkontestaw li din il-ġurisprudenza tista' tiġi trasposta għal dan il-każ.

[83] Wara s-seduta, il-Qorti Ġenerali ġiet informata bl-introduzzjoni fl-Artikolu 22 tal-BNatschGH tal-paragrafi 2a u 2b, li jippermettu ż-żamma taż-żoni ta' protezzjoni.

[84] Punti 59 sa 63. Fuq l-istess linja, is-sentenza Association France Nature Environnement, punt 43.

[85] Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi l-kwistjoni dwar jekk, fid-dritt intern, in-nuqqas ta' EAS qabel id-Digriet jirriżultax fl-invalidità (nullità) ta' dan tal-aħħar jew fin-nuqqas ta' effett tiegħu biss.

[86] Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi liema huma l-effetti – *erga omnes* jew limitati biss għar-rikors *indirett* inkwistjoni – ta' sentenza mogħtija f'tilwima li tirrigwarda r-rifjut ta' awtorizzazzjoni ta' proġett partikolari, wara li tkun ikkonstatat id-difett formali li jaffettwa d-digriet korrispondenti. F'dan ir-rigward, nirreferi għall-punti 125 sa 130 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Eolici f'Aalter u f'Nevele.

– il-mekkaniżmi ta' kontroll, skont il-leġiżlazzjoni settorjali, tal-attivitajiet potenzjalment ta' ħsara għall-ambjent, jibqgħu wkoll permezz tal-implimentazzjoni ta' regoli tal-ippjanar urban u relatati mal-kostruzzjoni, mal-ġestjoni tal-ilmijiet, mal-minjieri, mal-iskavi u mal-moviment tal-art, mal-agrikoltura, mal-forestrija, mat-turiżmu u ma' attivitajiet oħra simili.

## IV. Konklużjoni

135. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta lill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja) kif ġej:

"1) L-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, għandu jiġi interpretat fis-sens li Digriet intiż għall-protezzjoni tan-natura u l-pajsaġġ, li jistabbilixxi projbizzjonijiet ġenerali (b'eċċezzjonijiet) u obbligi ta' awtorizzazzjoni, iżda li ma jipprevedix regoli ddettaljati biżżejjed dwar il-kontenut, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti ċċitati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, minkejja li jipprevedi ċerti miżuri dwar l-attivitajiet ikkontemplati fl-imsemmija proġetti, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

2) L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2001/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jirriżultax applikabbli għal Digriet dwar il-protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ, li ma jikkostitwixxix pjan jew programm li għandu impatt sinjifikattiv fuq l-ambjent f'setturi oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, minħabba li ma jinkludix regoli ddettaljati biżżejjed dwar il-kontenut, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92".